**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' April 2025**

**Rikors nru : 160 /2025 AGV fl-ismijiet;**

**ID**

**VS**

**RB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta ' ID**

Jesponi bir-rispett;

illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta' April 1982 u dana skond kif jirrizulta mill-anness ceritfikat taz-zwieg (Dok. A)

illli sussegwntament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005)(Dok. B)

illi ma tezisti ebda possibilita' ta' transazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejnithom li jirrigwardaw manteniment.

Illi l-esponenti tixtieq id-divorzju mill-Intimat.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina L-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti dawk il-provvediment opportuni fic-cirkustanzi.

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-esponenti RB :**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi huwa minnu illi l- partijiet zzewgu f `Malta fit-2 ta' April tas-sena 1982 u il l-partijiet isseparaw bonarjament b`kuntratt ta' firda personali datat il-20 ta' Ottubru 2005, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella.

2. Illi l-partiijet kellhom erba ulied illum kollha maggornni;

3. Illi hemm qbil li z—zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minghajr ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

4. Illi fir-rigward il-manteniment lill-ulied dawn huma illum kollha maggorenni u ebda manteniment ma hu dovut lilhom.

5. Illi l-esponenti ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti sabiex jigi pronunzjat id-divorzju ta’ bejniethom ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi izda peress illi talba ghall-pronunzjament tad-divorzju saret unikament mir-rikorrenti Isabella Dagostino l-esponenti m`ghandux ibati spejjez tal-proceduri odjerni.

7. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza, in vista li l-intimat ma kellux oggezzjoni li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 2 ta' April 1982**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**